MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Numru. 216/2002

**Il-Pulizija**
**(Assistant Kummissarju Neil Harrison)**

**versus**

**Geoffrey Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Geoffrey Debattista ta' 29 sena, iben George u Elizabeth nee Mifsud imwieled tal-Pieta' fil-11 ta' Settembru, 1972, residenti 44 Triq Santa Rita Sliema u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 409972 (M)

Akkuzat talli f'dawn il- Gżejjer fil-lejl ta' bejn l-14 u 15 ta' Awissu 1999 u matul l-ahhar tliet snin qabel din id-data

b'diversi atti maghmulin fi zmijinijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda

(a) kellu fil-pussess tieghu medicina specifika u psikotropika (extacy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) ta' l-AL 22/1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkotanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu tieghu

(b) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli

jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fis-27 ta' Marzu 1995
(e) talli sar ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, Awla 13 fil-11 ta' Frar 1997

Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelild ta' l-imputat li jgib in-numru 4099 tas-sena 1972 (fol 3); l-ezenzjoni li ghamlet id-difiza lill-prosekuzzjoni biex ma toqghodx ttella' lil PC 1013 Raymond Debono u Sandro Magro dwar il-firem li jidhru fuq l-istqarrija, kif wkoll ghal fejn kellu x'jaqsam Logutenent Neville Galea (fol 6); l-istqarrija maghmula minn Jeffrey Debattista fil-11 ta' Novembru 1996 (fol 12 u 13); l-istqarrija maghmula minn Jeffrey Debattista fil-15 ta' Awissu 1999 (fol 14 et); il-fedina penali ta' l-imputat (fol 16 et); l-Ordnijiet ta' l-Avukat Generali tad-9 ta' Mejju 2002 (fol 19 u 20); il-proces verbal redatt mill-magistrat Dr Antonio Mizzi a fol 59 u intitolat 'Xhieda ta' Darren Zarb rilaxxjata skond l-Artikolu 24 A (12) (13) tal-Kap 101 fil-11 ta' Novembru 1996'; il-hatra ta' l-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jaghmel l-analizi ta' l-esebiti; u d-dokument MM li kien fih ir-relazzjoni ta' Mario Mifsud kif wkoll il-kopja tal-processi li jidhru bhala Dok NH6, NH7 u NH8 a fol 94 tal-process.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Ikkonsidrat

Illi skond il-prosekuzzjoni, bejn id-19 u l-20 ta' Ottubru 1996 sar road block fil-limiti ta' B'Kara bejn B'Kara u San Gwann. Wiehed minn dawn il-persuni li kien twaqqaf kien qal li xtara qartas b'valur ta' LM20 minghand l-imputat (fol 8).

Fl-10 ta’ Novembru 1996, il-pulizija tal-mobile squad kienu qeghdin f’Misrah il-Bajja gewwa Bugibba u hin minnhom osservaw zewg zghazagh li dehru suspettuzi fi drive in li taghi ghal kumpless ta’ garaxxijiet li kienu f’pavement f’din it-triq. Iz-zghazagh kienu Darren Zarb u l-imputat Geoffrey Debattista. F’halq Darren Zarb il-pulizija sabet qartas suspettat li kellu d-droga eroina. Darren Zarb fl-istqarrija tieghu kien qal li kien xtara l-eroina minghand l-imputat Geoffrey Debattista (fol 9). Fl-istqarrija tieghu Geoffrey Debattista kien cahad li huwa kien biegh id-droga lil xi persuni (fol 9). Kien qal biss li kellu l-pussess.

Imbghad fil-lejl ta’ bejn l-14 u 15 ta’ Awissu 1999 kien qed isir road block mill-AFM fl-inhawi ta’ San Gwann ghall-habta ta’ 12.55am. Kienet osservata Vauxhall Cumbo LAU 537 gejja vicin ir-road blocks u kien osservat oggett suspettuz li nterma min-naha tal-passiggier tal-vettura. Twaqqfet il-vettura u l-oggett instab li kien 14-il pillola suspettati ecstacy. MInn tfittxija ulterjuri fil-vettura mill-membri ta’ l-armata instabet xi sustanza suspettata haxixa. Ix-xufier tal-karozza kien l-imputat Geoffrey Debattista. Hawn ttiehdet stqarrija ohra ta’ Geoffrey Debattista

Fl-istqarrija Geoffrey Debattista kien ammetta li rema dawn il-pilloli pero qal li dawn l-14-il pillola kienu intenzjonati ghall-uzu personali tieghu u mhux biex jittraffikahom. Ammetta wkoll li dak iz-zmien kien juza l-eroina (fol 10).

L-istqarrija tal-11 ta’ Novembru 1996. L-imputat qal li kien sejjer lejn il-pjazza fejn hemm il-Miracles jew is-Ceasers. Huwa nnega li kien biegh il-pakkett ta’ l-eroina lil Darren Zarb (fol 12). Hu qal pero li kien jiehu l-eroina u meta jiehu jiehu xi zewg pakketti ta’ l-LM10. Hu kien beda jiehu l-eroina xi 7 xhur qabel.

It-tieni stqarrija saret fil-15 ta’ Awissu 1999 (fol 14). L-imputat qal li meta gew hdejn ir-road block il-pakkett tas-sigaretti li kien fih l-ecstacy kien f’idejh. X’hin ra r-road block huwa rema l-pakkett tas-sigaretti b’kollox mit-tieqa

tal-karozza min-naha tal-persuna l-ohra. Dwar xi pilloli ohra li nstabu fil-post fejn kien joqghod qal li dawn kienu sleeping pills. Hu qal li kien juza kemm l-eroina u kemm l-ecstacy (fol 14). Huwa cahad li kien ser ibiegh l-ecstacy (fol 15).

Xehed Martin Borg li kien qieghed fir-road block bejn l-14 u 15 ta' Awissu 1999 u kkonferma li l-pakkett tas-sigaretti hareg mit-tieqa min-naha tal-passiggier ta' quddiem. Fil-vettura kien hemm tnejn min-nies. Huwa fil-fatt kien qabel ir-road block. Kien gabar il-pakkett certu Catania li dan ghajjat lill-fizzjal u kien infetah gewwa l-pakkett.

Xehed ukoll Gunner Catania 86251 li tkellem dwar x'gara fil-lejl ta' bejn l-14 u 15 ta' Awissu 1999 u hu qal li kien ukoll qabel ir-road block sewwa u joqghod attent jara xi jwaddbu n-nies. Huma jkunu tnejn xhieda ta' xulxin. Huwa qal li kien ra pakkett tas-sigaretti johrog min-naha tal-passiggier. Huwa kien in-naha tal-passiggier. Huwa qal li l-oggett llandja ma' l-art.

Xehed Darren Zarb li kkonferma li kien gie arrestat flimkien ma' l-imputat u kien qed jirreferi ghal dak li gara fin-1996 (fol 32). Il-pakkett li kienu sabu l-pulizija kien fih l-eroina u kien ghadu kif xtrah. Huwa qal li kien xtrah minghand l-imputat (fol 33). Huwa kien ltaqa' ma l-imputat kumbinazzjoni gewwa Bugibba. Bejn wiehed u iehor kien wara nofsinhar meta l-imputat tah id-droga. Id-droga kien ghadu ma hadhiex u kienet ghadha fuqu.

Xehed ukoll PC 221 Alexander Bonello li rrefera ghal dak li gara fl-1996 gewwa Triq Sant'Antnin li tigi ma Misrah il-Bajja. Hemm dahla ta' garaxx u nnutaw zewg persuni li kienu suspettuzi. Huma kienu nizlu fuqhom u kellmuhom u waqt it-tfittxija sabu qartas zghir ghand persuna minnhom. Din il-persuna kienet Darren Zarb u l-persuna l-ohra li kien fil-kumpanija tieghu kien Geoffrey Debattista (fol 38).

Kien pprezentat ukoll il-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi. Din kien fiha xhieda guramentata ta' Darren Zarb ai termini ta' l-Artikolu 24 A (12) (13) tal-Kap

101. A fol 63 Darren Zarb kien qal li kien jaf li Geoffrey Debattista jbiegh id-droga ghax kien sema’ pero qatt ma kien xtara minghandu qabel. Kien mar fuq Geoffrey Debattista u dan ix-xhud kien qallu li ried pakkett u hu hadu lejn nizla li jaghti ghall-garaxxijiet. Hemm tah pakkett bl-eroina u Darren Zarb kien tah LM10. Fil-fatt lil Geoffrey Debattista kien talbu pakkett ta’ LM10 u Geoffrey Debattista kien qallu all right (fol 64). X’hin kienu ghadhom fil-garaxx Geoffrey qallu li kienu gejjin il-pulizija u qallu sabiex jitfa’ l-pakkett f’halqu. Ix-xhud hekk ghamel. Il-pulizija bdew ifittxulhom u sabulu l-pakkett f’halqu.

Mix-xhieda u mir-relazzjoni ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud mahtur mill-Qorti jirrizulta li kien hemm fid-dokument 036/06/02 sustanza kannella u l-piz taghha kien 0.09 grams.

Kien hemm 25 pillola bajda li mhux kontrollati bil-ligi, tracci ta’ sustanza THC, sitt pilloli bojod ovali u tliet pilloli bojod li jaqghu taht it-Taqsima II tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, 12-il pillola u zewg bicciet li fihom kien hemm il-kliem Stardust li ghandhom is-sustanza MDMA, u fl-ahhar nett tar-relazzjoni l-Ispizjar rega’ ghamel referenza ghal 0.09 grammi ta’ eroina.

Kienu pprezentati wkoll diversi processi fosthom ‘Spettur Neil Harrison vs Jason Spiteri’, ‘Spettur Neil Harrison vs Christian Camilleri’, ‘Spettur Neil Harrison vs Darren Zarb’ u ‘Spettur Neil Harrison vs Adrian Agius’ izda dawn l-erbgha processi m’ghandhom ebda stqarrija guramentata jew inkella xi xhieda illi nghatat bil-gurament quddiem il-Magistrat li kien qed jisma’ l-kawza. L-unika stqarrija li hemm hija dik ta’ Adrian AGius tal-11 ta’ Novembru 1996 illi pero din ma kinitx kkonfermata bil-gurament la quddiem il-magistrat Inkwerenti u lanqas quddiem il-Magistrat li kien qed jisma’ l-kawza dak iz-zmien il-Magistrat Dr Noel Cuschieri.

Il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fit-28 ta’ Novembru 2008 u fid-29 ta’ Mejju 2009 l-ufficjal prosekutur qal li japplika l-Artikolu 29 fil-massimu tieghu (fol 111).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett il-Qorti qed tiskarta kull dettal li hemm fid-dokument immarkat NH6, 7 u 8. F'dawn il-kopji ta' proċessi m'hemxm xejn x'jitfa' dawl b'mod dirett fqu il-każ odjern. M'hemm imkien xi stqarrija ġuramentata u l-unika waħda esibita fil-proċess 'Il-Pulizija versrus Adrian Agius' la hija ġuramentata u lanqas ma ttieħedet quddiem il-Maġistrat sedenti. Id-dispożizzjoni tal-Kap 9 (Artikolu 661) dwar stqarrijiet jgħid ċar li stqarrija ma tgħoddx għal terzi persuni iżda hija limitata biss għall-persuan li jagħmilha. L-ammissjonijiet ta' pussess ta' droga ma jwasslux għall-persuna li tkun biegħet dik is-sustanza.

**L-ewwel Imputazzjoni.**

Din l-imputazzjoni hija dwar pussess aggravat ta' ecstasy. L-imputat ammetta li kien waddab il-pakkett li kien fih l-ecstasy huwa stess min-naħa tat-tieqa tal-passiġġier. (Ara stqarrija a fol 14). Din l-ammissjoni hija msaħħa minn dak li xehdu l-uffiċjali mir-roadblocks li t-tnejn qablu li l-pakkett kien intrema minn dik in-naħa.

Forensikament, hemm il-prova li s-sustanza kienet ecstasy (fol 2 u 8 tar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud.

In-numru ta' pilloli kien tnax u żewġ biċċiet. Il-Qorti ma temminx li dawn kienu intiżi għall-imputat biss. In-numru diġa' mhux wieħed żgħir u dan twaddab mill-karozza mill-imputat stess waqt li hu qed isuq. Il-kwantita' tista' tkun kriterju biżżejjed biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-imputat kellu pussess ta' ecstasy li ma kienx intiż għalih personalment. Dan il-punt reġgħet affermatu l-Qorti tal-Appell Kriminali (preseduta mill-Prim Imħallef l-S.T.O. Dr.Degaetano LL.D.) fis-sentenza mogtħiaj fit-13 t'Ottubru 2009 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus David Buttigieg'. Barra dan jirriżulta mill-atti li nstab barra fejn wieħed mhux ser jib;a' dak l-ammont. Fl-aħħarnett, kif der jidher aktar tard fis-sentenza, l-imputat biegħ droga. Wara li rat dawn l-elementi kollha flimkien, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-

Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel imputazzjoni u l-Qorti qed issib lill-imputat ħati tagħha.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni hiaj dwar it-traffikar tal-eroina. Il-Qorti kkonsidrat ix-xhieda ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwerenti mogħtija minn Darren Zarb kif ukoll ix-xhieda tal-istess persuna mogħtija seduta stante. Qieset ukoll ir-riżultati forensiċi dwar dan il-pakkett li jistabilixxu li s-sustanza kienet eroina. Jirriżulta b'mod li ma jħalli ebda dubju li l-imputat fl-10 ta' Novembru 1996 kien biegħ pakkett eroina lil Darren Zarb u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni – Pussess ta' eroina**

Il-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni permezz tal-istqarrijiet magħmula mill-imputat stess fejn huwa ammetta li kien juża l-eroina (u l-ecstasy) (ara fol 13 u fol15). Barra dan, biex l-imputat biegħ l-eroina lil Darren Zarb bilfors li l-imptuat kellu pussess tal-eroina. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.
***Dan il-pussess tal-eroina (skond l-imputat – Ara fol 17) ma kienx limitat għal dak il-jum biss meta ttraffika l-eroina. Isegwi li ma japplikax la-rtikolu 17(h) tal-Kap 9.***

**Ir-Raba' u l-Ħames imputazzjoni**

Ma nġiebet ebda prova mill-Prfosekuzzjoni dwar il-ksur tal-kundizzjoni allegat fir-raba' imputazzjoni jew dwar ir-reċidiva –l-addebitu li jdiher fil-ħames imputazzjoni. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 49 u 50 tal-Kap 9, ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN2 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 29 tal-Kap 101, l-artikolu 23 tal-Kap 446, qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u qed tilliberah mir-raba' u l-ħames imputazzjoni.

Dwar il-piena l-Qorti qed tikkonsidra

(a) li l-imputat huwa ħati kemm ta' pussess aggravat kif ukoll ta' traffikar.
(b) li fedina penali tiegħu mhix waħda nadifa

Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' seba' xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €640. Il-multa tista' titħallas f'pagmenti ta' 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jsirx il-bilanċ jitħallas kollu f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din għandha tinbidel skond fi priġunerija b'jum priġunerija jikkorrispondi għal kull 11.65 Ewros li ma tħallsux.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' espert u li jammontaw għal €425.22 (Lm181.72).

Qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur

**Fl-aħħarnett dan il-każ ma nqatax qabel minħabba li l-imputat għażel li jassenti ruħu ripetutament u dan tawwal il-proċeduri inutilment.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------